MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2008

Appell Civili Numru. 106/2003/1

**Dr. Joseph Cachia Fearne**

**v.**

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura, u b'digriet tal-Qorti tat-3 ta' Ottubru 2003 gie kjamat in kawza l-Ufficju tal-Prim Ministru.**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari u fatti</u>**

**1.** Dan l-appell huwa dwar kwistjoni preliminari jekk il-qorti setghetx tipprocedi fl-assenza tal-Public Service Commission bhala parti fil-kawza dwar it-talbiet ta' l-attur li jitrattaw hatra ta' *Information Management Officer* (IMO) fis-servizz pubbliku, jew jekk dawn it-talbiet kellhomx jigu trattati u decizi mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku.

**2.** Il-fatti rilevanti ghall-fini ta' din il-kawza huma in succint is-segwenti:

1. L-attur kien impjegat fis-settur pubbliku sa minn data qabel is-27 ta' April 2001.

2. Wara sejha interna ghall-applikazzjonijiet, b'ittra datata 18 ta' Dicembru 2001 minghand is-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru, l-attur gie infurmat li fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, l-Prim Ministru kien approva li huwa jigi mahtur *Information Management Officer* u illi kien qieghed jigi assenjat fil-Ministeru ta' l-Ambjent. L-ittra kienet tkompli tghid illi *"The appointment is on a contract basis for a period of three years as per agreement a draft of which is attached to this letter. The Permanent Secretary, Ministry of the Environment will now proceed with the formalities of the conract."* [1]

3. Ftit granet wara, l-attur beda jahdem bhala *Information Management Officer* fl-ufficcji tas-Segretarjat tal-Ministeru ta' l-Ambjent.

4. Pero` l-attur qatt ma ffirma l-kuntratt li kien anness ma' l-ittra tal-hatra tieghu, u dan minkejja li kien gie interpellat sabiex jaghmel dan kemm verbalment kif ukoll bil-miktub mis-superjuri tieghu.

5. Jirrizulta wkoll illi nqalghu xi intoppi u disgwid serju bejn l-attur u s-superjuri tieghu dwar il-mod kif huwa kien qieghed jezegwixxi x-xoghol tieghu ta' *Information Management Officer.*

6. Dan id-disgwid u n-nuqqas ta' l-attur li jiffirma l-kuntratt, induca lis-superjur ta' l-attur, il-konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizori u l-

[1] Ara fol. 62 tal-process ta' l-ewwel istanza.

Infrastruttura (gia maghruf bhala Ministeru ghall-Ambjent) sabiex fil-5 ta' Settembru 2002 jikteb lill-Ufficju tal-Prim Ministru sabiex l-attur jigi sostitwit.[2]

7. Wara diversi skambji ta' korrispondenza interna, fil-11 ta' Ottubru 2002, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (hawn iktar 'l quddiem imsejha "PSC") kitbet hekk lis-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru: *"The Commission considers that, once Dr Cachia Fearne has failed to sign the formal three-year contract that was an integral part of his appointment, this appointment cannot be considered to have come into effect. In the circumstances, the Commission does not consider that the termination of this appointment is necessary."* [3]

8. Fit-22 ta' Ottubru 2002, l-Ufficju tal-Prim Ministru kiteb lill-attur u infurmah illi: *"Please be informed that, since you have repeatedly refused to sign your contract as Information Management Officer, you are considered as having refused the said appointment."* [4]

9. Fit-28 ta' Otturu 2002, l-attur kiteb lill-Ufficju tal-Prim Ministru, u wara li ta l-verzjoni tieghu ghaliex il-kuntratt ma giex iffirmat, u wara li unilateralment ghamel xi emendi ghall-kuntratt anness ma' l-ittra tal-hatra tieghu, annetta dan il-kuntratt (unilateralment emendat) iffirmat minnu biss.[5]

10. Fit-3 ta' Dicembru 2002, l-attur baghat kopja ta' l-ittra tieghu tat-28 ta' Ottubru 2002, imsemmija fil-paragrafu precedenti, lill-PSC.[6]

11. B'ittra ta' l-20 ta' Jannar 2003, il-konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministeru tar-Rizorsi u ta' l-Infrastruttura, ordna lill-attur biex imur lura fil-posizzjoni anterjuri tieghu fid-dipartiment tal-*Building Construction Indusry* b'effett immedjat.[7]

12. B'ittra tal-21 ta' Jannar 2003, l-attur informa lill-konvenut Segretarju Permanenti li hu kien se jobdi l-ordni li kien tah *"without prejudice to my claim for full remuneration (and damages) in terms of my appointment*

[2] Ara fol. 416 tal-process tal-prim istanza.
[3] Ara fol. 422 tal-process tal-prim istanza.
[4] Ara fol. 423 tal-process tal-prim istanza.
[5] Ara fol. 424-428 tal-process tal-prim istanza.
[6] Ara fol. 434 tal-process tal-prim istanza.
[7] Ara fol. 154 tal-process tal-prim istanza (Dok 49).

*dated 18 December 2001, for the full three year duration, which claim I intend to pursue in the near future."* [8]

13. Wara diversi skambji ta' korrispondenza, fit-30 ta' Jannar 2003, il-PSC kitbet lill-Ufficju tal-Prim Ministru illi kienet tghid testwalment hekk:[9]

*"The question as to whether Dr Joseph Cachia Fearne had been offered and had declined to sign the performance agreement is not clear to the Commission.*

*It is also not clear to the Commission whether the request for the termination of the appointment of Dr Cachia Fearne was motivated by his refusal to sign the agreement contract presented to him or by the fact that he was considered unsuitable for the post.*

*The Commission is of the view that if Dr Cachia Fearne has actually performed the duties of Information Management Officer since his appointment on 7th November 2001 and, considering that he has now signed the performance contract, the appointment and performance agreement should be considered as having come into effect and any action for the termination of the agreement should be taken in accordance with the terms of that agreement."*

14. L-attur ipprezenta l-kawza odjerna fil-31 ta' Jannar 2003, cioe` gurnata wara din ir- rakkomandazzjoni tal-PSC.

15. Wara diversi skambji ulterjuri ta' korrispondenza, fl-10 ta' Ottubru 2003, il-PSC infurmat lis-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru hekk:[10]

*"The Commission, having examined the contents of your letters referred to above as well as the comments made by the Chief Information Management Officer (CIMU) and Permanent Secretary (Resources and Infrastructure) in their letters dated 27 June and 5 August 2003 respectively, agrees that Dr Cachia Fearne does not*

---

[8] Ara fol. 155 tal-process tal-prim istanza (Dok 50).
[9] Ara fol. 451 tal-process tal-prim stanza.
[10] Ara fol. 460 tal-process tal-prim istanza.

*possess the qualities to assume the functions relating to the position of Information Management Officer.*

*The Commission also agrees that Dr Cachia Fearne's contract cannot be deemed to have been formalised."*

**Talbiet u eccezzjonijiet**

**3.** Fic-citazzjoni tieghu, l-attur talab illi l-ewwel Qorti:

1. tiddikjara illi l-attur gie mahtur *Information Management Officer* fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura;
2. tiddikjara illi r-rifjut da parti tal-konvenut li jikkontrofirma l-kuntratt huwa illegali w abbuziv;
3. tiddikjara illi l-attur huwa intitolat ghall-hlasijiet kollha li huwa kien jippercepixxi kieku thalla jkompli jaqdi l-funzjoni tieghu bhala *Information Management Officer* wara li gie mahtur mill-Onorevoli Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;
4. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hlas tad-danni rapprezentanti dawn il-hlasijiet wara li huwa ma halliex lill-attur ikompli fil-kariga tieghu;
5. tillikwida l-ammonti dovuti lill-attur in linea ta' danni; u
6. tikkundanna lill-konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura biex ihallas is-somma kif hekk likwidata in linea ta' danni.

**4.** Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura eccepixxa:

1. Preliminarjament illi s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni attrici u ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti jirrespingi t-talbiet ta' l-attur bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi huwa m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur.

3. Illi l-impieg ta’ l-attur bhala impjegat fis-servizz mal-Gvern huwa regolat bl-Artikolu 469A(6) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta u bil-Kodici ghas-Servizz Pubbliku.
4. Illi kwantu diretta kontra l-eccipjenti, it-talbiet attrici kif dedotti, ghandhom jigu michuda fil-konfront tieghu, peress illi kien l-istess attur li naqas milli jottempera ruhu u jersaq ghall-iffirmar tal-kuntratt, meta mitlub biex jaghmel dan, liema firmar tal-kuntratt kienet kundizzjoni essenzjali sabiex l-attur effettivament jokkupa l-kariga relattiva.
5. Illi meta l-attur kien infurmat li ladarba ma ffirmax il-kuntratt ta’ ingagg, kien meqjus li rrifjuta tali hatra, l-attur ippropona li jsir il-kuntratt, meta ormai kienet ittiehdet id-decizjoni li l-attur ma kienx meqjus bhala adattat biex jokkupa tali kariga.

**5.** B’digriet tat-3 ta’ Ottubru 2003, l-ewwel Qorti ordnat il-kjamata in kawza ta’ l-Ufficcju tal-Prim Ministru. Id-Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Prim Ministru eccepixxa:

1. Illi huwa m’huwiex il-legittimu kontradittur ghall-kawza odjerna illi hija dwar kariga fis-servizz tal-Gvern liema kariga, skond l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, tista’ tinghata u titnehha biss mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk huwa ma jistax jigi konvenut, kif qed isir, biex jissokkombi bhala obbligat ghal talba fis-sens illi xi persuna inghatat hatra fis-Servizz tal-Gvern meta dik il-hatra ma tkunx fil-fatt inghatat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.
2. Subordinatament, illi huwa lanqas ma huwa l-legittimu kontradittur ghall-azzjoni stante illi l-attur, se mai, kellu, skond l-istess sejha ghal applikazzjonijiet ghall-kariga ta’ *Information Management Officer* jirrispondi direttament lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru li fih huwa jkun addett u l-Ufficcju tal-Prim Ministru fi kwalunkwe kaz qatt ma kellu jkun parti fil-kuntratt li jirregola l-imsemmija kariga.
3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi:
(i) kien l-attur stess li ma accettax il-kariga ta’ *Information Management Officer* meta ma accettax li jiffirma l-i’Standard Contract’ relattiv li kien kondizzjoni

ghad-dhul fil-kariga imposta mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku; u
(ii) kien l-attur illi irrifjuta li joqghod ghad-dixxiplina tal-kariga u li jassumi u jwettaq r-responsabbilitajiet ta' l-istess kariga u li wera li ma kienx portat ghall-istess kariga.

**6.** Fis-seduta tat-3 ta' Frar 2005 quddiem l-ewwel Qorti, gie verbalizzat hekk: *"F'dan l-istadju, l-Qorti trid tisma' lill-partijiet dwar il-punt sollevat mill-konvenut, u cioe` jekk ghadx hemm lok li titkompla din il-kawza, u dwar l-effetti taghha, fid-dawl tad-decizjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ta' l-10 ta' Ottubru 2003 (fol. 289 tal-process) u dan peress li d-decizjoni ta' din il-Kummissjoni m'hijiex u ma tistax tigi attakkata f'dawn il-proceduri."* [11]

**7.** Fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2005, l-ewwel Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fuq din il-kwistjoni u halliet il-kawza ghas-sentenza, dejjem limitatament fuq dik il-kwistjoni.[12]

**Is-sentenza appellata**

**8.** B'sentenza ta' l-20 ta' Ottubru 2005, il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet din il-kwistjoni billi laqghet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-kjamat in kawza, cahdet it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjez tal-kawza kontra tieghu. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

"Illi l-attur huwa impjegat mal-Gvern fis-servizz Civili. Fis-27 ta' April, 2001, il-*Management and Personnel Office* fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru hareg sejha interna ghall-ingagg ta' ufficcjali bhala *Information Officer* fil-Ministeri tal-Gvern (IMO).

"L-attur ippresenta l-applikazzjoni tieghu fit-terminu indikat, u fil-fatt, kien gie mitlub jattendi intervista mill-Bord tal-Ghazla, liema intervista saret fit-22 ta' Awissu, 2001. Fil-bidu ta' Novembru, l-attur ircieva komunikazzjoni tar-

[11] Ara fol. 401 tal-process tal-prim istanza.
[12] Ara fol. 479 tal-process tal-prim istanza.

rizultat tal-interview; hu fil-fatt, inghata l-marka 50 u gie fl-ahhar post fost dawk li ghaddew mill-interview (l-attur tpogga fil-posizzjoni numru 11 fl-*Order of merit*).

“Fit-18 ta’ Dicembru, 2001, l-attur ircieva ittra minghand is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, li biha l-attur gie infurmat li l-Prim Ministru, fuq rakkomandazzjoni tal-*Public Service Commission*, kien approva l-hatra tieghu. F’dik l-ittra inghad li *“The appointment is on a contract basis for a period of three years as per agreement a draft of which is attached to this letter”,* (ghandu jinghad li anke fis-sejha ghall-applikazzjonijiet kien tnizzel car li *“selected candidates will be expected initially to enter into a three-year contract”*). Il-hatra tieghu ma kienetx, allura, *in forza* ta’ dik l-ittra, izda kienet dipendenti u kondizzjonata ghall-iffirmar tal-kuntratt.

“L-attur beda jahdem ta’ IMO fil-Ministeru tal-Ambjent, pero`, baqa’ ma iffirmax il-kuntratt. L-attur jghid li ried jitkellem mas-Sur Paul Mifsud fuq il-*job duties* tieghu; jghid ukoll li peress li kien mitfuh fuq ix-xoghol tieghu, qatt ma kellu cans jezamina u jiffirma l-kuntratt. Skond ufficcjali tal-konvenuti, l-attur kemm-il darba gie mitlub jiffirma l-kuntratt, izda dan baqa’ m’ghamlux. L-attur jghid li ma bediex isib kooperazzjoni mill-ufficcjali shabu, u ghalkemm kien talab li jinghata laqgha, ma inghatax u l-kuntratt baqa’ ma iffirmahx.

“Lejn l-ahhar tas-sena 2002, meta ufficcjali fl-ufficcju tal-Prim Ministru bdew jitilfu l-pacenzja mieghu, l-attur ircieva ittra datata 22 ta’ Ottubru, 2002, minghand dan l-ufficcju, fejn gie infurmat li la darba hu kien qed jirrifjuta li jiffirma l-kuntratt, *“you are being considered as having refused the said appointment”*. Ftit qabel dan, u precisament, fil-11 ta’ Ottubru, 2002, il-*Public Service Commission* (PSC) kienet baghtet *e-mail* lill-Ufficcju tal-Prim Ministru (OPM), li fiha gie indikat li *“once Dr. Cachia Fearne has failed to sign the formal three-year contract that was an integral part of his appointment, this appointment cannot be considered to have come into effect. In the circumstances, the Commission does not consider that the termination of this appointment is necessary”.*

“L-attur ma accettax din id-decizjoni, u b’ittra tat-28 ta’ Ottubru, 2002, kiteb lill-OPM u baghat kopja tal-ittra lill-PSC, fejn spjega li, bhala fatt, huwa ilu madwar sena jaghmel xoghol ta’ IMO. Fl-14 ta’ Jannar, 2003, is-Segretarju Permanenti fl-OPM kiteb hu wkoll lil-PSC, irrisponda ghall-kummenti tal-attur u innota li kien biss ricenti li l-attur iffirma l-kuntratt, izda wara li hu ghamel emendi mhux awtorizzati.

“Wara dan il-PSC ha decizjoni li tinsab riprodotta f’ittra li baghat lill-OPM fit-30 ta’ Jannar, 2003. F’din l-ittra l-Kummissjoni hadet din id-decizjoni:

*““It is also not clear to the Commission whether the request for the termination of the appointment of Dr Cachia Fearne was motivated by his refusal to sign the agreement contract presented to him or by the fact that he was considered unsuitable for the post.*

*“The Commission is of the view that if Dr Cachia Fearne has actually performed the duties of Information Management Officer since his appointment on 7th November, 2001 and, considering that he has now signed the performance contract, the appointment and performance agreement should be considered as having come into effect and any action for the termination of the agreement should be taken in accordance with the terms of that agreement”.*

“Din il-konkluzjoni ma gietx accettata mill-OPM, u b’ittra tal-20 ta’ Frar, 2003, is-Segretarju Permanenti kiteb lill-PSC, u insista, ghall-darba ohra, li l-kuntratt mal-attur qatt ma gie formalizat.

“Fil-frattemp, u precisament fil-31 ta’ Jannar, 2003, l-attur fetah din il-kawza fejn qed jallega li hu inhatar IMO, u n-nuqqas ta’ formalizar tal-kuntratt kien tort tal-konvenuti, u talab id-danni.

“Fil-mori ta’ din il-kawza, il-PSC bdiet tinvestiga l-kaz tal-attur b’aktar dettal, u anke kitbet lill-attur u talbitu jaghti l-

veduti tieghu fuq il-kaz, kif fil-fatt ghamel tramite il-konsulent legali tieghu. Wara li l-PSC rega ikkunsidra l-kaz, fl-10 ta' Ottubru, 2003, ha decizjoni fis-sens li gej:

*""The Commission, having examined the contents of your letters referred to above as well as the comments made by the Chief Information Management Officer (CIMU) and Permanent Secretary (Resources and Infrastructure) in their letters dated 27 June and 5 August 2003 respectively, agrees that Dr Cachia Fearne does not possess the qualities required to assume the functions relating to the position of Information Management Officer.*

*"The Commission also agrees that Dr Cachia Fearne's contract cannot be deemed to have been formalised".*

"Fid-dawl ta' din id-decizjoni, il-konvenuti issottomettu li l-kawza ma tistax titkompla. Fil-verita', fl-ewwel eccezzjoni tieghu, il-kjamat fil-kawza kien mil-ewwel ecepixxa illi l-kawza hija dwar kariga fis-servizz tal-Gvern, u li l-kawza kellha ssir kontra l-PSC, jekk hu possibbli, u mhux kontra l-OPM. Il-Qorti, pero`, qabel ma qieset dik l-eccezzjoni riedet tisma xi provi, biex tara sew x'kienet in-natura ta' l-ilment tal-attur. Fil-kors tas-smiegh tal-provi, il-PSC hadet id-decizjoni tal-10 ta' Ottubru, 2003, u l-Qorti, meta giet informata b'dik id-decizjoni u fid-dawl ta' dawk l-izvilluppi, ordnat twaqqif tas-smiegh tal-provi biex tigi trattata u deciza il-kwistjoni relatata mal-funzjoni tal-PSC.

"Ghal-kull buon fini, jigi ccarrat li din il-kwistjoni mhux eccezzjoni gdida li kien jehtiegilha l-permess tal-Qorti biex tigi issollevata. Din il-kwistjoni hija, fil-fatt, involuta fl-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza, liema eccezzjoni trid issa tinqara fid-dawl tad-decizjoni tal-PSC tal-10 ta' Ottubru, 2003, avolja dik id-decizjoni ma tissemhiex b'mod specifiku f'dik l-eccezzjoni. Fuq kollox, il-materja involuta fil-kawza tittratta materja ta' ordinament kostituzzjonali, li hu ta' ordni pubbliku, u l-Qorti ma tistax tinjora dak li jirrizulta mill-Kostituzzjoni. L-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni jiddisponi b'mod car li s-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficcjali u li jnehhi persuni li jkollhom jew ikunu jagixxu f'xi kariga bhal dawk, tkun fil-Prim

Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-PSC. Kif intqal mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali [recte: Prim Awla] fil-kawza “Sultana vs Prim Ministru”, deciza fis-27 ta’ Gunju, 2003, f’kaz ta’ hatriet fis-servizz pubbliku, il-Prim Ministru hu marbut li jimxi skond dik ir-rakkomandazzjoni, u allura f’kaz ta’ kwistjoni li tolqot l-impieg ta’ bniedem fis-servizz pubbliku, id-decizjoni, fil-verita`, tehodha l-PSC, u f’kaz ta’ ilment hija d-decizjoni ta’ din il-Kummissjoni li hija sindakabbli, u mhux tal-Prim Ministru.

“Kwindi, f’materja ta’ din ix-xorta, l-ilment ma jistax jitressaq kontra l-Prim Ministru, jew kontra xi ufficcjali fl-OPM, izda, fil-limiti li trid il-ligi, kontra l-PSC. Din il-kawza ma saretx kontra l-PSC, u din ic-cirkustanza kienet, fil-fatt, il-meritu tal-ewwel eccezzjoni sollevata mill-kjamat fil-kawza.

“Meta infethet il-kawza mill-attur, il-posizzjoni sa fejn kien jafha l-attur, kienet li hu kien qed jigi kkunsidrat li rrifjuta l-hatra ghax ma riedx jiffirma l-kuntratt. Kien, ghalhekk li, wara li emenda l-kuntratt, iffirmah, kiteb lill-PSC u fetah din il-kawza kontra l-ufficcjali li, skond hu, kienu qed jirrifjutaw ingustament li jiffirmaw il-kuntratt. Din il-kwistjoni, pero`, mil-bidu nett kienet tikkoncerna ingagg fis-servizz pubbliku, li hu ta’ kompetenza esklussiva tal-PSC. Id-decizjoni li hadet il-PSC f’Ottubru tal-2003, ghamlita izjed cara li din il-kawza ma tistax ikollha l-ezitu mixtieq mill-attur.

“L-attur qed jitlob li hu jitqies IMO regolari u jithallas dak li hu dovut lilu ma din il-kariga. Din, pero`, hi materja tal-PSC, u ebda ufficcjal governattiv ma jista’ jaghti kuntratt lill-xi hadd kontra dak li tirrikmanda l-PSC. Li kieku is-sitwazzjoni meta fetah il-kawza l-attur, kienet biss kif tohrog mil-*letter of appointment* tieghu, kien ikollu ragun jiftah il-kawza kif fetaha. L-attur seta’ jargumenta li l-PSC hargitlu appointment, il-Prim Minsitru approvha, izda xi ufficcjal fis-servizz pubbliku ma riedx jiffirmalu l-kuntratt. Kawza fuq din l-allegazzjoni kontra l-ufficcjal kienet tkun valida. Gara, pero`, li qabel ma infethet din il-kawza, il-PSC kien gia ha decizjoni li l-hatra tal-attur *“cannot be*

*considered to have come into effect”*, u kwindi l-kaz kellu jigi kkunsidrat fil-konfront tal-PSC, u mhux aktar mal-ufficcjali tal-OPM. Darba l-PSC hadet dik id-decizjoni, l-kaz kellu jigi argumentat mal-PSC u mhux aktar mal-ufficcjali governattivi. Jekk, fil-fehma tal-attur, il-PSC hadet decizjoni zbaljata jew giet zgwidata, seta’ jilmenta fuq dan mal-PSC, kif fil-fatt ghamel. Il-kaz, fil-fatt, baqa’ jigi trattat u kkunsidrat mill-PSC anke wara li giet miftuha din il-kawza, u l-PSC baqa’ jiddiskuti l-kaz sa ma ha d-decizjoni tieghu tal-10 ta’ Ottubru, 2003. L-attur, anke fil-mori ta’ din il-kawza, baqa’ *in kuntatt* mal-PSC u ressaq ukoll ghal-konsiderazzjoni taghha, l-veduti tieghu fuq il-kaz.

“Issa li l-PSC hadet decizjoni, din il-kawza, anke *a bazi* tad-duttrina tal-*ius superveniens*, ma tistax ikollha ezitu, ghax din il-Qorti, f’dawn il-proceduri, ma tistax taghti ordni li tmur kontra d-decizjoni tal-PSC. La darba l-PSC iddecidiet li l-attur ma hax il-post ta’ IMO u li m’ghandux il-kwalifika biex jokkupa dik il-kariga, din il-Qorti ma tistax tiddeciedi mod iehor. L-attur jghid li hu qed jattakka l-*“imput qarrieqi”* li inghata lill-PSC, pero` din hi kwistjoni ta’ kompetenza tal-PSC, mhux ta’ din il-Qorti. Jekk attur ghandux jew le kwalifiki biex jinghata kariga fis-servizz pubbliku, trid tara b’mod esklussiv il-PSC. Jekk lill-PSC tinghata informazzjoni zbaljata jew mhux preciza, huwa ghandu jikkontesta dan quddiem il-PSC u mhux quddiem dawn il-Qrati. Dak li l-attur m’ghamilx quddiem il-PSC, li kien il-forum adattat li jikkunsidra l-posizzjoni tieghu, ma jistax issa jipprova jaghmlu quddiem dawn il-Qrati.

“L-attur jargumenta li quddiem il-PSC hu ma inghatax smiegh xieraq, u peress li skond l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni, l-esercizzju tal-poter tal-PSC mhux sindakabbli minn ebda Qorti, ma setax iressaq l-ilmenti tieghu kontra l-PSC, izda bil-fors kellu jagixxi kontra dawk l-ufficcjali li, skond hu, ghaddew informazzjoni hazina lill-PSC. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Il-Qrati taghna osservaw li l-PSC mhix insindikabbli b’mod assolut, u jekk jigi allegat li l-PSC ma segwietx ir-regoli ta’ procedura li hi stess tkun ghamlet ghas-smiegh tal-kazi quddiema (<u>“Cassar vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-</u>

Servizz Pubbliku", eventwalment ceduta quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Novembru, 1985), jew jigi allegat li l-PSC agixxiet b'mod diskriminatorju ("Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Jannar, 1985), jew li l-istess PSC agixxiet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ("Attard vs Sant'Angelo noe et", deciza minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Novembru, 1996), allura l-Qorti ordinarja tista' tintervjeni u taghti r-rimedju opportun. Din il-Qorti izzid li anke jekk jigi allegat, fuq livell amministrattiv, li l-PSC agixxiet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali jew agixxiet *ultra vires* il-poteri taghha, il-Qrati ordinarji jistghu u ghandhom jintervjenu. Il-principji tal-gustizzja naturali jridu dejjem u skrupolozament jigu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummissjoni mahtura biex tiehu decizjoni fir-rigward ta' individwu, u ebda awtorita` moghnija b'dan il-poter ma tista twarrab dawn il-principji b'immunita` [recte: impurita`] (ara, per ezempju, il-kazijiet "Zammit vs Falzon", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Marzu, 2003, "Mangion vs Cilia Pisani noe", deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Mejju, 2004, "De Gaetano vs Awtorita' tal-Ippjanar" deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu, 2005, u "A J Hili ta' Miena Ltd vs Kummisarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", deciza minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Ottubru, 2004). Ovvjament, il-principju *audi alteram partem*, ma jfissirx li l-parti milquta trid bil-fors tinstemgha, izda li tinghata l-opportunita` tressaq il-kaz taghha.

"F'dan il-kaz, l-attur ressaq diversi ilmenti kontra l-PSC, fosthom li agixxiet fuq pressjoni mill-OPM (fi kliem l-attur, *"kien hemm bombardament, mis-Segretarju Permanenti fl-OPM fuq il-PSC"*), li naqset li taghti l-oportunita` lill-attur iressaq il-kaz tieghu quddiemha, li naqset milli taghtih l-oportunita` jezamina d-dokumenti kollha li jirreferu ghal-kaz tieghu, u li agixxiet *ultra vires*; dawn huma kollha ilmenti li gew michuda mill-parti opposta, pero`, din il-Qorti ma tistax tinvestighom peress li dawn l-ilmenti ma gewx imressqa fil-konfront tal-legittimu kontradittur, u cioe`, il-PSC. Jekk il-PSC tatx oportunita` xierqa lill-attur biex iressaq il-kaz tieghu, jew jekk l-attur giex mizmum milli

jkollu access ghad-dokumenti li jolqtu l-kaz tieghu, irid jigi misthareg f'kaz fejn il-PSC ikollha c-cans tiddefendi ruhha. L-attur, pero`, ma jistax iwarrab il-PSC mix-xena, u jipprova jattakka l-ufficcjali li ghaddew l-informazzjoni lill-PSC u li fuqhom ibbazat id-decizjoni taghha. Id-diskrezzjoni dwar jekk persuna ghandhiex tinhatar mas-servizz pubbliku jew jekk l-impieg taghha ghandux jigi terminat jew le, ghandu jibqa' b'mod esklussiv tal-PSC, u dawn il-Qrati jistghu jezaminaw biss jekk il-PSC hadetx *in konsiderazzjoni* l-fatti kollha tal-kaz kif impoggija quddiema, u jekk segwitx il-principji ta' gustizzja naturali. Il-Qorti, f'dawn il-proceduri, ma tistax taghmel dawn l-indagini ghax il-kawza, kif miftuha mill-attur, mhiex indirizati lejn dan l-ezami.

"L-attur ilmenta wkoll li l-PSC, skond il-Kostituzzjoni, tista' tirrevedi d-decizjoni taghha darba biss, mentri f'dan il-kaz, jidher li biddlet id-decizjoni taghha darbtejn. Hawnhekk, ukoll il-Qorti tqies li tali ilment jista' jigi diskuss biss fil-konfront tal-PSC u mhux f'dawn il-proceduri. Ghal kull buon fini, jista' jinghad li l-Kostituzzjoni ma tghidx li l-PSC ma tistax tikkunsidra d-decizjoni taghha ghal aktar minn darba, izda, fl-artikolu 86(1), tghid biss li l-Prim Ministru, li jrid jsegwi r-rakkomondazzjonijiet tal-PSC, jista' jibghat lura l-kwistjoni lill-PSC ghar-rekonsiderazzjoni, u dana *"ghal darba wahda"*.

"F'dan il-kaz, wara li l-PSC hadet id-decizjoni taghha tal-11 ta' Ottubru, 2002, ma kienx il-Prim Ministru li rega fetah il-kwistjoni, izda l-attur bl-ittra tieghu tat-28 ta' Ottubru, 2002. Il-PSC hadet, umbaghad, decizjoni differenti fit-30 ta' Jannar, 2003, u kien biss wara din id-decizjoni li s-Segretarju Permanenti fl-OPM rega' baghat lura l-kaz ghal quddiem il-PSC ghar-rekonsiderazzjoni. Wara dan, il-PSC harget bl-ahhar decizjoni taghha tal-10 ta' Ottubru, 2003. Ma jirrizultax, kwindi, li d-dispost tal-artikolu 86(1) tal-Kostituzzjoni gie miksur.

"Fl-ahhar nett, l-attur issottometta li meta din il-Qorti, bid-digriet taghha tal-10 ta' Jannar, 2005, ordnat l-prosegwiment tal-kawza, dan ifisser li l-kawza trid issa bil-fors tigi deciza fil-meritu. Il-Qorti tqies li l-attur qed jaghti

interpretazzjoni zbaljata lil dak id-digriet. Dak id-digriet inghata wara oggezzjoni mill-konvenuti ghal-produzzjoni ta' xi dokumenti; il-Qorti, ma accettatx l-oggezzjoni, ordnat li d-dokumenti jigu esebiti u, allura, ordnat li l-kawza titkompla. Mhux lecitu li jinghata lil dak id-digriet interpretazzjoni aktar wiesgha minn hekk. *Inoltre,* l-fatt li l-Qorti, f'dak l-istadju, ordnat li s-smiegh tal-kawza jitkompla, ma jfissirx li l-meritu tat-talbiet attrici iridu jigu trattati, inattez l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza u l-izvilluppi li sehhew. Din il-Qorti gia osservat li qabel ma ittrattat dik l-ewwel eccezzjoni, riedet ikollha stampa cara ta' dak li qed jigi allegat u l-bazi tal-allegazzjonijiet; meta l-bazi tal-azjoni attrici kienet tidher cara u ngiebu *a konjizzjoni* taghha l-izvilluppi li kienu sehhew, il-Qorti dehrilha li kien l-istadju opportun li tigi trattata u deciza l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza, li hi riflessa fil-kwistjoni sollevata fl-udjenza tat-3 ta' Frar, 2005.

"Il-Qorti tqies li din il-kwistjoni tolqot hatra fis-servizz pubbliku, u l-kaz allura kellu jigi trattat, kif fil-fatt gara, quddiem il-PSC. Mhux impjegat iehor jaghti jew jittermina hatriet mas-servizz pubbliku, izda biss il-PSC, u hija din il-Kumissjoni li ghandha d-dritt u l-obbligu li tevaluwa c-cirkustanzi tal-kaz u taghti d-decizjoni taghha, li fuqha jrid jimxi l-Prim Ministru, u li torbot ukoll lill-dawn il-Qrati – salvi dak li inghad qabel dwar *review* limitat minn dawn il-Qrati.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kwezit billi wara li tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-kjamat fil-kawza, tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez tal-kawza kontra tieghu."

**<u>L-appell</u>**

**9.** L-attur appella minn din is-sentenza. L-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati hekk:

- L-appellant jallega li huwa ma kienx jaf li l-ewwel Qorti kienet ser tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza, u dan ghaliex l-ewwel Qorti kienet diga` tat digriet

fejn ordnat il-prosegwiment tal-kawza, u ghalhekk skond l-istess appellant huwa kellu ragun jahseb illi l-istadju preliminari kien gia gie sorpassat u li l-Qorti kienet dahlet biex tezamina l-meritu.

- L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tan-natura tal-kawza odjerna, li hi wahda ghad-danni allegatament kagunati mill-operat tal-konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura;

- L-ewwel Qorti ghamlet valutazzjoni skorretta dwar il-pozizzjoni legali fir-rigward tal-funzjoni tal-Prim Ministru, ghaliex skond hu l-Prim Ministru ma ha l-ebda decizjoni fuq xi rakkomandazzjoni tal-PSC – hlief id-decizjoni li jahtar lill-appellant fil-kariga ta' *Information Management Officer*; pero`, skond hu, ma tezisti ebda decizjoni tal-Prim Ministru biex l-attur ma jkomplix f'din il-hatra.

**L-ewwel aggravju**

**10.** Ghalkemm mhux espressament sollevat bhala aggravju formali, fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-appellant jilmenta li huwa ma kienx jaf li l-ewwel Qorti kienet ser tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza, u dan ghaliex l-ewwel Qorti kienet diga` tat digriet fejn ordnat il-prosegwiment tal-kawza, u ghalhekk skond l-istess appellant huwa kellu ragun jahseb illi l-istadju preliminari kien gia gie sorpassat u li l-Qorti kienet dahlet biex tezamina l-meritu.

**11.** L-appellant jibbaza din l-allegazzjoni tieghu principalment fuq id-digriet ta' l-ewwel Qorti ta' l-10 ta' Jannar 2005[13] fejn dik il-Qorti iddecidiet dwar it-talba ta' l-appellant li jigu ezebiti d-dokumenti kollha li jinsabu fl-Ufficju tal-Prim Ministru u li jirreferu ghall-ingagg tieghu f'dik il-kariga u ordnat li x-xhud Dione Giorgio jaghti x-xiehda tieghu kif mitlub mill-attur, u ordnat il-"prosegwiment tal-kawza".

---

[13] Ara fol. 384-389 tal-process in prim istanza.

**12.** L-appellant jallega li dan kien ifisser illi *"l-istadju preliminari kien gia gie sorpassat u li l-Qorti dahlet biex tezamina l-meritu."* Fil-fehma ta' din il-Qorti din l-assunzjoni ta' l-appellant hija totalment gratwita w infondata u dan ghal diversi ragunijiet. Ibda biex, f'dak id-digriet ta' l-10 ta' Jannar 2005, l-ewwel Qorti kienet qieghda tiddeciedi dwar rikors intavolat mill-konvenuti dwar il-produzzjoni ta' dokumenti u xhieda mitluba mill-appellant, u bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma kienet qieghda tippronunzja ruhha fuq l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, jew ta' xi wiehed minnhom. Eccezzjoni, anki wahda preliminari, tigi milqugha jew respinta b'sentenza, u mhux permezz ta' digriet, u ghalhekk l-appellant ma kellu l-ebda raguni taht il-kappa tax-xemx jassumi li l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti kienu gew respinti. Inoltre, huwa ovvju li l-ewwel Qorti ordnat il-"prosegwiment tal-kawza" fid-digriet ta' l-10 ta' Jannar 2005 sabiex bil-provi li kienu se jigu prodotti konsegwenza tieghu – u dan fuq kollox fuq talba ta' l-appellant – tkun tista' tifhem ahjar il-lanjanzi ta' l-attur (l-appellant odjern), u naturalment l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati. Certament ma jistax jinghad li ghax f'dak l-istadju l-ewwel Qorti ordnat "il-prosegwiment tal-kawza", hija kienet qieghda b'xi mod torbot idejha li ma taghtix, jekk ikun mehtieg, sentenza preliminari fuq xi wahda mill-eccezzjonijiet preliminari. Fil-fatt f'dan id-digriet, l-ewwel Qorti espressament irrilevat hekk: *"... ... u ghalkemm ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku* (cioe` dik ta' l-10 ta' Ottubru 2003) *hi li hi u, f'dan l-istadju, tidher li hi finali, din ir-rakkomandazzjoni <u>tista' jew le taffettwa l-meritu tal-kaz</u>, u allura l-Qorti trid li x-xhud Dione Giorgio jaghti x-xiehda tieghu kif mitlub mill-attur."* (enfasi mizjuda)

**13.** Apparti dan, l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza, id-Direttur Generali fl-Ufficju tal-Prim Ministru, hija cara, u cioe` qed jigi minnu sottomess illi l-legittimu kontradittur ghal pretensjonijiet ta' l-attur kellha tkun il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ghaliex kienet hi biss li skond l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni setghet taghti rakkomandazzjoni dwar ghotja jew tkeccija minn kariga fis-servizz tal-Gvern. U fil-fatt, fin-nota ta' l-

osservazzjonijiet tieghu fil-proceduri in prim istanza, l-appellant iressaq argumenti sabiex jirribatti din is-sottomissjoni tal-kjamat in kawza.[14] Ghaldaqstant, din il-lamentela ta’ l-appellant qed tigi respinta.

**<u>It-tieni aggravju</u>**

**14.** Fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tan-natura tal-kawza odjerna, li hi wahda ghad-danni allegatament kagunati mill-operat abbuziv tal-konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura. Huwa jargumenta li l-ebda persuna, lanqas is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura, ma tgawdi immunita` mill-process gudizzjarju.

**15.** Issa, ma hemmx dubju li fi stat tad-dritt l-ebda persuna <u>in principju</u> ma ghandha tgawdi immunita` mill-process gudizzjarju. Pero` dak li jidher li qed jonqos li japprezza l-appellant huwa li din l-asserzjoni hija vera, sakemm, il-ligi stess ma tipprovdix mod iehor. Huwa veru li fic-citazzjoni tieghu, l-appellant qieghed jitlob *inter alia* risarciment ghad-danni li huwa sofra; pero` din it-talba (li fil-fatt hija t-tielet talba) hija wahda konsegwenzjali, fis-sens li tista’ tintlaqa’ biss, kemm-il darba jigu milqugha z-zewg talbiet l-ohra li jippreceduha u cioe (i) li l-appellant gie mahtur *Information Management Officer* u (ii) li r-rifjut tal-konvenut Segretarju Permanenti li jikkontrofirma l-kuntratt huwa illegali u abbuziv. Jekk, ghal xi raguni, il-Qorti mhix kompetenti li tiehu konjizzjoni u tiddeciedi dawn l-ewwel zewg talbiet (jew xi wahda minnhom) minhabba li m’ghandhiex il-legittimu kontradittur biex iwiegeb ghad-domandi, huwa ovvju li l-kawza trid tieqaf hemm.

**16.** L-ewwel talba ta’ l-appellant fic-citazzjoni tieghu hija ghal dikjarazzjoni li hu gie *“mahtur Information Management Officer fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura.”* Ghalhekk din il-kawza tikkoncerna hatra fis-servizz tal-Gvern, liema kariga, skond l-Artikolu 110 tal-

[14] Ara nota ta’ l-osservazzjonijiet ta’ l-appellant a fol. 461 sa 469 tal-process in prim istanza.

Kostituzzjoni, tista' tinghata u titnehha biss mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti (kif attwalment komposta) fis-sentenza taghha tas-27 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet **Dr Victor Sultana v. Prim Ministru**, l-Prim Ministru huwa obbligat li jagixxi skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:

*"Is-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 86 tal-Kostituzzjoni jaghmlu distinzjoni cara bejn meta l-Prim Ministru hu mehtieg skond il-Kostituzzjoni illi jezercita xi funzjoni skond ir-rakkomandazzjoni ta' xi persuna jew awtorita` u meta huwa mehtieg li jaqdi xi funzjoni wara konsultazzjoni ma' xi persuna jew awtorita`. Fl-ewwel kaz, il-Prim Ministru ghandu jimxi skond dik ir-rakkomandazzjoni. Huwa biss meta huwa ghandu jikkonsulta li ma hux obbligat li jimxi skond il-parir moghti lilu. Id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 86(1), moqrija flimkien ma' l-Artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni ma tistax tigi interpretata hlief li meta l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku taghmel ir-rakkomandazzjoni taghha dwar hatra jew hatriet fis-servizz pubbliku, il-Prim Ministru hu marbut li jimxi skond dik ir-rakkomandazzjoni (salv li s-setgha li jitlob rikonsiderazzjoni)…"*.

**17.** Mhux kontestat li fit-18 ta' Dicembru 2001 is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru kien informa lill-attur *inter alia* li *"on the recommendation of the Public Service Commission, the Prime Minister has approved that you be appointed Information Management Officer"*[15]. Pero` fil-11 ta' Ottubru 2002, il-PSC kienet irrakomandat lis-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru li *"The Commission considers that, once Dr Cachia Fearne has failed to sign the formal three-year contract that was an integral part of his appointment, this appointment cannot be considered to have come into effect."* [16] L-appellant gie infurmat b'dan b'ittra mill-ufficju

[15] Ara Dok 6 a fol. 62 tal-process in prim istanza.
[16] Ara fol. 422 tal-process tal-prim istanza.

tal-Prim Ministru tat-22 ta' Ottubru 2002[17]. Dan kollu gara qabel ma' l-appellant istitwixxa l-proceduri odjerni.

**18.** Ghalhekk, kif sewwa irriteniet l-ewwel Qorti, gialadarba l-kwistjoni jekk il-hatra ta' l-appellant ghall-kariga ta' *Information Management Officer* kienet gietx effettiva jew le, kienet gia ttellghet ghall-konsiderazzjoni tal-PSC, li tat r-rakkomandazzjoni taghha u l-Prim Ministru kien agixxa fuq dik ir-rakkomandazzjoni, kif kien marbut li jaghmel, il-proceduri kellhom jitkomplew quddiem il-PSC, kif fil-fatt sar, anki kontemporanjament waqt li kienu ghaddejjin il-proceduri odjerni, sakemm il-PSC ghamlet ir-rakkomandazzjoni finali taghha fil-10 ta' Ottubru 2003, fejn in effetti ikkonfermat ir-rakkomandazzjoni taghha tal-11 ta' Ottubru 2002. Dan ghaliex l-ewwel Qorti, f'dawn il-proceduri, ma setghetx taghti ordni – partikolarment tilqa' l-ewwel talba ta' l-appellant – li tmur diametrikament kontra r-rakkomandazzjoni tal-PSC. Ladarba l-PSC irrikomandat li l-appellant ma hax il-post ta' IMO u li m'ghandux il-kwalifika biex jokkupa dik il-kariga, la l-ewwel Qorti u lanqas l-Qorti ta' l-Appell ma tista' tiddeciedi mod iehor, fil-proceduri odjerni <u>li ma huma b'ebda mod diretti kontra l-istess PSC</u>.

**19.** L-appellant jargumenta li gurnata qabel ma huwa intavola l-kawza, u cioe` fit-30 ta' Jannar 2003, il-PSC kienet, skond hu, ghamlet rakkomandazzjoni differenti, fis-sens li *"if Dr Cachia Fearne has actually performed the duties of Information Management Officer since his appointment on 7th November 2001, and considering that he has now signed the performance contract, the appointment and performance agreement should be considered as having come into effect and any action for the termination of the agreement should be taken in accordance with the terms of that agreement."* Dwar dan, ghandu jinghad fl-ewwel lok illi l-PSC ma ghamlitx din ir-rakkomandazzjoni ghaliex il-Prim Ministru rega' fetah il-kwistjoni, izda ghaliex <u>l-appellant stess</u> rega' fetahha, bl-ittra tieghu lill-PSC tat-3 ta' Dicembru 2002[18] li maghha

[17] Ara fol. 423 tal-process tal-prim istanza.
[18] Ara fol. 434 tal-process in prim istanza.

kien hemm mehmuz il-kuntratt unilateralment emendat u iffirmat minnu biss.

**20.** In oltre jigi relevat li huwa dubjuz kemm din it-tieni ittra tal-PSC lill-Ufficju tal-Prim Ministru tista' tigi ikkunsidrata bhala rakkomandazzjoni stante li hija kondizzjonata kemm fil-parti konklussiva taghha fuq kwotata, kif ukoll fiz-zewg paragrafi li jippreceduha u li jghidu testwalment hekk:

*"The question as to whether Dr. Joseph Cachia Fearne had been offered and had declined to sign the performance agreement is not clear to the Commission.*

*It is also not clear to the Commission whether the request for the termination of the appointment of Dr Cachia Fearne was motivated by his refusal to sign the agreement contract presented to him or by the fact that he was considered unsuitable for the post."*

**21.** Fi kwalunkwe kaz, bir-rakkomandazzjoni tal-PSC ta' l-10 ta' Ottubru 2003, il-kwistjoni dwar jekk il-hatra ta' l-appellant ghal IMO gietx effetiva jew le giet konkluza definittivament, u ghalhekk, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, anke sempliciment a bazi tad-duttrina tal-*ius superveniens*, il-proceduri odjerni iridu bil-fors jieqfu, ghaliex kif gia intqal aktar il-fuq f'dawn il-proceduri ma tistax tinghata sentenza li tmur kontra rakkomandazzjoni tal-PSC meta l-PSC mhix parti fil-kawza.

**22.** Jekk l-appellant ihossu aggravat bir-rakkomandazzjoni tal-PSC, jew bil-mod ta' kif din mexxiet il-proceduri dwar il-kwistjoni tal-hatra tieghu, u/jew li skond hu saret pressjoni indebita fuq il-PSC u inaghtat informazzjoni inveritiera, huwa jista' jistitwixxi proceduri sabiex jattakka l-agir u r-rakkomandazzjoni tal-PSC, safejn dan hu permess mill-Kostituzzjoni u mill-gurisprudenza. Dan ghaliex ghar-ragunijiet gia premessi f'kaz ta' hatriet fis-servizz pubbliku, il-Prim Ministru huwa marbut li jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-PSC, u l-ilment ta' l-appellant ma jistax jitressaq kontra l-Prim Ministru li hu marbut li jsegwi ir-rakkommandazzjoni tal-PSC, jew kontra xi ufficcjali fl-

OPM u inqas u inqas kontra xi ufficjali ohra governattivi. Ghaldaqstant dan l-aggravju ghandu jigi michud.

**<u>It-tielet aggravju</u>**

**23.** F’dan l-aggravju l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti ghamlet valutazzjoni skorretta dwar il-pozizzjoni legali fir-rigward tal-funzjoni tal-Prim Ministru, ghaliex skond hu l-Prim Ministru ma ha l-ebda decizjoni fuq xi rakkomandazzjoni tal-PSC – hlief id-decizjoni li jahtar lill-appellant fil-kariga ta’ *Information Management Officer*; skond hu ma tezisti ebda decizjoni tal-Prim Ministru biex hu (l-attur) ma jkomplix f’din il-hatra.

**24.** Din l-asserzjoni hija fattwalment skorretta, ghaliex kif diga` inghad iktar ‘il fuq, fil-11 ta’ Ottubru 2002, il-PSC kienet irrakkomandat lill-Ufficcju tal-Prim Ministru li *“once Dr Cachia Fearne has failed to sign the formal three year contract that was an integral part of his appointment, this appointment cannot be considered to have come into effect.”* L-ufficjal inkarigat fl-Ufficju tal-Prim Ministru kien kiteb lill-appellant fit-22 ta’ Ottubru 2002 u infurmah li *“you are being considered as having refused the said appointment.”* Ghalhekk tezisti decizjoni tal-Prim Ministru mhux biex l-appellant ma jkomplix f’din il-hatra, imma li hu gie ikkunsidrat li rrifjuta l-hatra, u dan sar qabel giet intavolata l-kawza odjerna. Huwa veru li ma jirrizultax mill-provi li l-Prim Ministru agixxa fuq ir-rakkomandazzjoni tal-PSC ta’ l-10 ta’ Ottubru 2003 li l-appellant ma kellux il-kwalitajiet necessarji biex jokkupa l-hatra ta’ IMO u li l-kuntratt tieghu qatt ma gie debitament formalizzat. Pero` fil-verita` din ir-rakkomandazzjoni hija in parti repetizzjoni tar-rakkomandazzjoni tat-22 ta’ Ottubru 2002, li l-Prim Ministru kien diga` esegwiha. U fi kwalunkwe kaz, ghar-ragunijiet spjegati iktar ‘l fuq, il-Prim Ministru huwa marbut li jsegwi din ir-rakkomandazzjoni.

**25.** Fir-rikors ta’ l-appell tieghu, l-appellant jissottometti li dak li jaghmel is-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru ma jistax jitqies li sar mill-Prim Ministru. Dan huwa argument infondat. Huwa evidenti li hawn dan is-

Segretarju Permanenti qed jagixxi f'isem u a nom tal-kap ta' l-istess dikateru, li hu proprju l-Prim Ministru.

**26.** L-appellant jargumenta wkoll li l-Ufficju tal-Prim Ministru ma setax jitlob rikonsiderazzjoni tar-rakkomandazzjoni – jekk rakkomandazzjoni titqies li hi – tal-PSC tat-30 ta' Jannar 2003, ghaliex skond hu din kienet ir-rakkomandazzjoni finali tal-PSC, moghtija wara talba ghall-rikonsiderazzjoni mill-Prim Ministru, u ai termini ta' l-Artikolu 86(1)(a) tal-Kostituzzjoni, il-Prim Ministru jista' jitlob rikonsiderazzjoni darba biss. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma hux fattwalment korrett. Kif diga` inghad, wara li l-PSC ghamlet ir-rakkomandazzjoni taghha tal-11 ta' Ottubru 2002, ma kienx il-Prim Ministru li rega' fetah il-kaz, izda l-attur bl-ittra tieghu tat-3 ta' Dicembru 2002[19]. Il-PSC ghamlet, imbaghad, rakomandazzjoni differenti fit-30 ta' Jannar 2003, u kien biss wara din ir-rakkomandazzjoni li s-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru rega' baghat lura l-kaz ghal quddiem il-PSC ghar-rikonsiderazzjoni. Wara dan, il-PSC harget l-ahhar rakkomandazzjoni taghha ta' l-10 ta' Ottubru 2003. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li ma jirrizultax li d-dispost ta' l-Artikolu 86(1) gie miksur.

**27.** L-appellant jissottometti wkoll illi l-Kostituzzjoni holqot mekkanizmu fejn, ghalkemm il-Prim Ministru ghandu jagixxi skond ir-rakkommandazzjoni li jircievi, hadd ma jista' jindaga f'xi qorti jekk il-Prim Ministru effettivament ikunx agixxa skond dik ir-rakkomandazzjoni (Artikolu 86(3) tal-Kostituzzjoni). Huwa jargumenta li dan il-mekkanizmu huwa l-uniku *safety valve* li jezisti sabiex jigi assigurat li agir illegali w abbuziv ta' ufficjali gholja ma jigix awtomatikament implimentat. Din il-Qorti ma' tistax taqbel ma' din l-interpretazzjoni. Id-dispost ta' l-Artikolu 86(1) huwa car, u l-Prim Ministru huwa legalment marbut li jimplimenta r-rakkomandazzjoni li jircievi. Pero`, minhabba l-kuncett tas-separazzjoni tal-poteri, il-Qrati huma prekluzi milli jindagaw jekk fil-fatt huwa jkunx effettivament implimenta dik ir-rakkomandazzjoni. L-interpretazzjoni li

[19] Ara fol. 434 tal-process in prim istanza.

qed jipprova jaghti l-appellant lill-Artikolu 86(3), tkun tfisser li l-Prim Ministru huwa ‘l fuq mil-ligi, sahansitra, iktar ‘il fuq mill-Kostituzzjoni. Naturalment, il-fatt li l-qrati ordinarji huma prekluzi milli jindagaw jekk l-Prim Ministru effettivament agixxiex in konformita` mar-rakkomandazzjoni li jkun irceva, ma jfissirx ma hemmx rimedji ohra – anke mhux gudizzjarji – li jistghu iservu sabiex jikkontrollaw l-agir tal-Prim Ministru.

**28.** Fl-ahharnett, l-appellant jilmenta illi jekk id-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti tigi konfermata, dan ikun ifisser illi huwa jispicca minghajr rimedju effettiv, u dan ikun bi ksur ta’ l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319). Dan ukoll m’huwiex korrett. Huwa veru li l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni jipprovdi protezzjoni lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku minn certi proceduri gudizzjarji. Izda kif gie ritenut minn din il-Qorti (diversament komposta) fil-kawza fl-ismijiet **Charles Mattocks v. Dr. Anthony Gruppetta noe et** deciza fis-27 ta’ Gunju 2008:

*“Il-PSC mhux hieles minn skrutinju tal-qrati ordinarji. Il-Qrati taghna osservaw li l-PSC mhix insindikabbli b’mod assolut, u jekk jigi allegat li l-PSC ma segwietx ir-regoli ta’ procedura li hi stess tkun ghamlet ghas-smiegh tal-kawzi quddiemha (**Cassar v. Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**, eventwalment ceduta quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta’ Novembru 1985), jew jigi allegat li l-PSC agixxiet b’mod diskriminatorju (**Galea v.Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta’ Jannar 1985), jew li l-istess PSC agixxiet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem (**Attard vs Sant’Angelo noe et**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fis-6 ta’ Novembru, 1996) allura l-Qorti ordinarja tista’ intervjeni, tissindika u eventwalment taghti r-rimedju opportun. Din il-Qorti zzid li anke jekk jigi allegat, fuq livell amministrattiv, li l-PSC agixxiet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali jew agixxiet ultra vires il-poteri taghha, il-Qrati ordinarji jistghu u ghandhom jintervjenu ... ... L-istess jista’ jinghad f’kaz ta’ allegazzjoni ta’ qerq.*

*Ovvjament, dan l-iskrutinju jista' jigi dirett mhux biss lejn l-ufficjali tal-PSC izda wkoll lejn dak l-ufficjal jew dak il-Bord maghzul mill-PSC biex jassistiha fil-qadi tad-dmirijiet taghha, u jekk* <u>*dik*</u> *id-decizjoni ma tigix attakkata, ikun inutili li jsir stharrig tal-process li jkun wassal ghal dik id-decizjoni – li minhabba f'hekk ma tkunx tista' tinbidel."*

**29.** Naturalment, huwa biss jekk wara skrutinju tar-rakkomandazzjoni tal-PSC mill-qrati, skond u fil-limiti imposti mil-ligi u l-Kostituzzjoni u mill-gurisprudenza, jigi ritenut illi dik ir-rakkomandazzjoni kienet ghal xi raguni vizzjata, li imbaghad tidhol il-kwistjoni jekk gewx kagunati xi danni, u l-likwidazzjoni u r-rizarciment taghhom jekk ikun il-kaz.

**30.** Konsegwentement anke dan l-aggravju ta' l-appellant qed jigi respint.

<u>**Decide**</u>

**31.** Ghall-motivi premessi, l-appell ta' l-attur qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fit-totalita` taghha. L-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu kif hemm decizi, dawk ta' din l-istanza jkunu a karigu tal-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------